**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 9 t'April 2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Darryl Farr)**
**(Spettur Antonello Magri)**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Llewwlyn Xerri**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

   Llewwlyn Xerri ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Martin Xerri u Anna Xerri nee Agius, imwieled gewwa l-Pieta Malta, nhar is-sittax (16) ta' Jannar 1996, u jirrisjedi gewwa 179, 'Annmar', Triq il-Belt Valletta, Qormi Malta u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0039696M;

Akkuzat talli ghall-habta ta' bejn id-disgha (09:00hrs) u l-hdax ta' filghodu (11:00hrs) ta' nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (2025), gewwa l-istabbiliment Manouche, Triq Mikiel Ang Bort, San Giljan, Malta:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur liema valur ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna stante li kien kumpann fix-xoghol, u dan sar ghad-detriment ta' Keshu Rajshi Karavdra u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet ohra.
   Artikoli 261(c) (d), 267, 279(a), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Akkuzat ukoll talli f'xi hin matul il-gurnata ta' nhar l-Erbgha (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (2025) gewwa 20, Seabreeze Court, Flat 8, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Eirian Farrugia f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Eirian Farrugia u cioe ferita ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr Francesca Cilia (Med. Reg. Nru.4393) aggravat talli kienu f'relazzjoni flimkien.
   Artikoli 221, 222A(7), 222(1a) u 202(h)(vi) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanza kkaguna biza lil Eirian Farrugia li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet u dan lahaq il-mira tieghu, aggravat stante li hija s-siehba prezenti jew ta' qabel u sahansitra twettaq quddiem il-prezenza ta' minuri
   Artikoli 251(3), 251H (a)(d), 251HA, 202(h)

4. Fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali lil Eirian Farrugia
   Artikolu 339(1)(e)

U talli:

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanza naqas li josserva jew kiser xi wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' Ordni ta' Trazzin, liema ordni inharget b'sentenza definittiva datata nhar is-26 ta' Ottubru 2024 mahruga mill-Magistrat Dr Caroline Farrugia Frendo LL.D fejn il-Qorti kienet provdiet ghas-sigurta ta' Eirian Farrugia ghal perjodu ta' tlett snin.
Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza datata nhar it-22 ta' Marzu 2023, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, preseduta mill-Magistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D fejn kien misjub hati ta' reat u inghata Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin
Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta

7. Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza taht l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gie misjub hati permezz ta' sentenza tal-Magistrati (Malta) deciza nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn erbgha u ghoxirn (2024)
Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

8. U aktar talli huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza/sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu
Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

Pendente lite thaddem kontra l-imputat d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali favur il-persuni lezi kollha u/jew il-familjari taghhom

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lill-imputat sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnha misruqa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta’ trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2025 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hlief ghall-imputazzjoni numru 8, u cioe hlief ghal dik tal-addebitu tar-recidiva.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-ewwel seba’ imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' seba’ snin u nofs prigunerija, tigi reza operattiva s-sentenza sospiza u titratta mieghu dwar il-ksur tal-ordni ta’ probation, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex tara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu ghall-ewwel seba’ imputazzjonijiet l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Rat li fl-istess seduta, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex provi fir-rigward tat-tminn imputazzjoni, u cioe dik tal-addebitu tar-recidiva.

8. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel seba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

10. Il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi fir-rigward tat-tminn imputazzjoni, u cioe tal-addeibtu tar-recidiva, u ghalhekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

11. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li ghalkemm l-imputat ma irregistrax ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proceduri, huwa irregistra l-ammissjoni parzjali tieghu fir-raba' seduta mizmuma f'dawn il-proceduri – li xorta huwa stadju pjuttost bikri tal-proceduri. Ghalhekk huwa ma kompliex jahli l-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

12. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll li l-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici. Huwa ghandu sitt (6) kundanni minn dawn il-Qrati, li kollha huma ghal diversi reati ta' serq kwalifikat, hlief wahda dwar ksur tal-ligijiet tas-sewqan.

13. Mit-trattazzjoni orali tal-partijiet irrizulta li l-imputat ghandu problema ta' tossikodipendenza, li hu jixtieq jindirizza waqt il-perjodu ta' inkarcerazzjoni.

14. Fit-trattazzjoni orali, il-Prosekuzzjoni issottomettiet li l-piena idonea hija wahda ta' erba' snin u nofs prigunerija, li tinkludi l-piena ta' prigunerija fis-sentenza sospiza u l-ksur tal-ordni ta' probation. Is-sentenza sospiza hija ghal tmintax-il xahar, fil-waqt li l-ordni ta' probation inghatat fir-rigward ta' ammissjoni ta' htija ghar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix is-somma ta' elfejn tlett mija disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), li l-piena minima ghaliha hija ta' hames (5) xhur u massimu ta' (3) tlett snin prigunerija. Ghalhekk jidher li l-Prosekuzzjoni qed tissottometti li l-piena ghar-reat ta' serq ikkwalifikat u r-reati ta' vjolenza domestika f'dawn il-proceduri ghandha tkun globalment ta' cirka sentejn u nofs prigunerija.

15. Id-difiza qablet mas-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni dwar il-piena. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ukoll tqis li l-piena sottomessa mill-Prosekuzzjoni hija wahda ragonevoli.

**Konkluzjoni**

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Issib lill-imputat mhux hati tat-tminn (8) imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, u qed tilliberah minnha,

(2) Wara li rat l-Artikoli 261(c) u (d), 267, 268(d), 279(a), 280(1), 221, 222A(7), 222(1)(a), 202(h)(vi), 251(3), 251H(a) u (d), 251HA, 202h(vi), 339(1)(e) u 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel hames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

(3) Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lill-hati ghal piena ta' sentejn (2) u nofs prigunerija.

(4) In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tat-22 ta' Marzu 2023 maghmul minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Caroline Farrugia Frendo, u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ta' probation maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 267, 268, 270, 278, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 21 u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal perjodu ulterjuri ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

(5) Issib lill-imputat hati wkoll tas-seba’ imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tordna ulterjorment, ai termini ta’ l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li l-piena ta’ prigunerija ta’ tmintax (18)-il xahar sospizi ghal sentejn moghtija permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Caroline Farrugia Frendo, nhar is-26 t’Ottubru 2024 tigi reza operattiva.

B’hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta’ erba’ (4) snin u nofs prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri biss.

(6) In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ tlett mija u tnejn u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€342.20) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

(7) Ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas lil Keshu Rajshi Karavdra is-somma ta’ tlett mitt Euro (€300.00), rapprezentanti l-ammont li gie lilu misruq mill-hati.

Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura.

(8) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta’ Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta’ Eirian Farrugia. Din l-Ordni ta’ Trażżin qed tinħareġ għal perjodu ta’ tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta’ Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta’ Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

17. Il-Qorti tordna li kopja ta’ l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**